

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-7 ta' Setembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franzia) – Eqiom SAS, li kienet Holcim France SAS, Enka SA vs Ministre des Finances et des Comptes publics

(Kawża C-6/16)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni diretta — Libertà ta' stabbiliment — Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fras il-għajnej — Direttiva 90/435/KEE — Artikolu 1(2) — Artikolu 5(1) — Eżenzjoni — Dividendi mqassma minn sussidjarja residenti lil kumpannija omm mhux residenti miżmuma direttament jew indirettament minn residenti ta' Stati terzi — Preżunzjoni — Frodi, evażjoni u abbuż fiskali)

(2017/C 374/06)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Eqiom SAS, li kienet Holcim France SAS, Enka SA

Konvenut: Ministre des Finances et des Comptes publics

Dispożittiv

L Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003, minn naħa, u l-Artikolu 49 TFUE, min-naħħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-għoti tal-vantaġġ fiskali previst fl-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva – jiġi serif i-l-eżenzjoni ta' taxxa fras il-għan tal-profitti mqassma minn sussidjarja residenti lil kumpannija omm mhux residenti, meta din il-kumannija omm hija kkontrollata direttament jew indirettament minn resident wieħed jew iktar ta' Stati terzi – għall-kundizzjoni li din tistabbilixxi li l-katina ta' ishma ma għandhiex bħala għan prinċipali jew bħala wieħed mill-ġhanijiet prinċipali tagħha li tieħu vantaġġi minn din l-eżenzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 21.3.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Settembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Berlin- il-Ġermanja) – H. vs Land Berlin

(Kawża C-174/16)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċċjali — Direttiva 2010/18/UE — Ftehim qafas irrevedut dwar il-leave parentali — Klawżola 5(1) u (2) — Ritorn minn leave parentali — Dritt ta' ritorn għall-istess impieg jew impieg ekwivalenti jew simili — Żamma kif inħuma tad-drittijiet miksuba jew fil-proċess li jinkisbu — Uffiċċjal ta' Land promoss bħala uffiċċjal bi prova għal pożiżżjoni ta' tmexxija — Leġiżlazzjoni ta' dan il-Land li tipprevedi t-tmiem tal-perijodu ta' prova ipso iure u mingħajr possibbilità ta' estensjoni fl-iskadenza ta' perijodu ta' sentejn, anki f'każ ta' assenza li tirriżulta minn leave parentali — Inkompattibbiltà — Konsegwenzi)

(2017/C 374/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinvju

Verwaltungsgericht Berlin